# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2001**

**Numru 29**

**Cit. numru 646/89 JF**

**Emanuel Genovese, f'ismu ghad-ditta Audio & Auto Sound**

**vs**

**Max Castagna, f'ismu u in rappresentanza tas-socjeta' Maxi Quartz Ltd.**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut proprio et nomine b'dan l-att tac-citazzjoni quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc:-

"Premess li l-attur kien ta "on consignment" l-oggetti kollha elenkati fid-Dokumenti "A", "B", "C", lil Dennis Buhagiar, u billi dan Dennis Buhagiar willa n-negozju tieghu lill-konvenut;

Premess illi l-konvenut ried jibqa' izomm l-imsemmi oggetti "on consignment" u ottjena l-permess ta l-attur u billi l-konvenut, ghalkmm interpellat naqas il jaghti rendikont ta' dak li biegh, u li jhallas ta' dak li biegh;

TALAB li din il-Qorti :-

1. tikkundanna lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju jaghti lill-attur rendikont ta' dak li biegh u ta' dak li fadal ghandu;

2. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur il-prezz ta' l-oggetti kollha li biegh skond id-Dokumenti "A", "B", u "C" imnaqqsin b'20% kommissjoni favur il-konvenut;

3. tikkundanna lill-konvenut biex fin-nuqqas ta' rendikont fi zmien prefiss, ihallas lill-attur il-prezz ta' l-oggetti kollha imsemmija fid-Dokumenti "A", "B" u "C" inaqqsin b'20% kommissjoni favur tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenut proprio et nomine hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"Illi, preliminarjament, il-konvenut, f'ismu proprju, m'huwiex il-legittimu kontradittur f'dina l-kawza, u ghalhekk jitlob illi jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju, ghar-raguni illi huwa qatt ma kellu ebda konnessjoni, fil-kwalita' tieghu personali, kemm ma' l-attur proprio et nomine, kif ukoll ma' l-imsemmi Dennis Buhagiar;

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt il-ghaliex meta l-konvenut xtara n-negozju minn terzi, huwa gie assikurat, u fil-fatt hekk irrizulta, illi ma kienx jezisti stock appartenenti lill-attur fl-istock kollu li l-konvenut xtara minghand Dennis Buhagiar u dana l-istock, sallum, m'huwiex fil-pussess tieghu;

> Illi, in oltre, meta l-konvenut innegozja ma' Dennis Buhagiar, huwa hallsu "in toto" ta' l-istock kollu li gie lilu trasferit mill-istess Buhagiar u Buhagiar rrilaxxa d-debita ricevuta, wara assikurazzjonijiet illi dana l-istock kien lilu appartenenti u li ma kienx proprieta' ta' terzi persuni;
>
> Illi, ghaldaqstant, minhabba r-ragunijiet fuq premessi, il-konvenut ma jistghax jigi kkundannat lanqas li jaghti rendikont ta' stock li qatt ma xtara u lanqas qatt kien fil-pussess tieghu u lanqas ma jista' jigi ikkundannat ihallas lill-attur il-prezz ta' oggetti illi l-konvenut qatt ma kellu fil-pussess tieghu".

**<u>Eccezzjoni ulterjuri</u>**

Il-konvenut proprio et nomine ulterjorment eccepixxa illi ma jirrizulta l-ebda rapport guridiku bejn l-attur kemm personalment kif ukoll ghan-nom tad-ditta Audio & Auto Sound, u l-konvenut kemm personalment, kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta' Max Quartz Ltd. Konsegwentement hu talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tat-12 ta' Mejju, 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi:-

> "Billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut proprio et nomine kemm dawk originali kif ukoll dawk ulterjuri, <u>tilqa'</u> it-talbiet kollha attrici kif dedotti kontra l-konvenut proprio et nomine b'dana li ghall-gini ta' l-ewwel zewg talbiet qieghdha tipprefiggi fuq il-konvenut proprio et nomine terminu perentorju ta' xahar zmien mil-lum, u ghall-fini tat-tielet talba li allura tigi fis-

sehh ipso jure jekk il-konvenut proprio et nomine jibqa' inadempjenti, qieghdha tikkwantifika bhala quantum ta' l-oggetti fis-somma ta' tlett elef sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm3,665.65c0) li minnha tkun trid titnaqqas kummissjoni bir-rata ta' ghoxrin fil-mija (20%).

Il-kap ta' l-ispejjez jithallas interament mill-konvenut proprio et nomine, bl-interessi dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv".

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Ikkunsidrat li minn dak li gie premess mill-attur fl-att tac-citazzjoni u minn dak illi l-istess attur xehed fil-kawza jidher li dan qieghed jallega li huwa kien ghadda "on consignment" diversi oggetti lil certu Dennis Buhagiar li kien imexxi hanut li jbiegh minn dawn l-oggetti. Il-ftehim bejniethom (l-attur u Buhagiar) kien li ta' kull oggett li kien jinbiegh, l-attur jircievi "commission" ekwivalenti ghal ghoxrin fil-mija (20%) tal-prezz imhallas ghalih mix-xerrej. Skond l-attur, dan Buhagiar iddecieda li jwelli n-negozju tieghu billi l-ewwel offrieh lill-attur u meta dan ma deherx interessat, Buhagiar wasal f'akkordju in iskritt mal-konvenut nomine, jigifieri mas-socjeta' Maxi Quartz Limited. Xi zmien wara li sehh dan, Buhagiar emigra lejn l-Awstralja. Fil-frattemp l-attur ighid li huwa avvicina lill-konvenut in konnessjoni ma' l-oggetti li kienu jappartjenu lilu u li kienu baqghu fl-istabbiliment gestit l-ewwel minn Buhagiar u issa mill-konvenut nomine. L-attur xehed li meta kellem lill-konvenut Castagna dwar l-istock dan *"kien ighidlu (i) imbghad naraw"* u in segwitu qallu li ma kellu jaghtih xejn, la oggetti u lanqas hlas ghalihom. Cahhdu minnhom. Kien ghalhekk li huwa intavola din il-kawza ghar-raguni li huwa gie illi la rcieva l-oggetti lura u lanqas prezzhom nieqes il-kummissjoni. Fid-dokumenti markati Dokument "A", Dokument "B" u Dokument "C" hemm elenkati l-oggetti de quo.

Il-verzjoni tal-konvenut hija totalment opposta, apparti li gew sollevati anki eccezzjonijiet ta' natura legali wkoll. Bazikament il-

konvenut proprio et nominee jichad li huwa b`xi mod kien responsabbli jew debitur versu l-attur. Anzi jafferma illi fl-ewwel lok huwa personalement qatt ma kien involut fin-negozju ghax dejjem agixxa ghan-nom tas-socjeta' msemmija supra u li f`kull kaz huwa qatt ma kellu rapport guridiku ma' l-attur ta' ebda xorta u li kull ftehim li kellu u li sar kienu bejnu ghan-nom tal-kumpanija u ma' Dennis Buhagiar. Il-konvenut nomine inoltre esebixxa zewg skritturi, Dokument "MC1" u Dokument "MC2" – a fol. 18 u 19 tal-process in sostenn ta' dan kollu. Il-konvenut isostni li meta huwa ha "over" il-gestjoni u stock tan-negozju minn ghand Buhagiar, li m'huwiex parti fil-kawza, huwa (jigifieri Catagna) gie assigurat li ebda stock ma kien jappartjeni lill-attur, li kollox kien ta' Buhagiar u li huwa hallas per saldu lil dan Buhagiar, bil-konsegwenza li lill-attur la kien jafu legalment u wisq anqas ma kien debitur tieghu.

Il-Qorti gharblet il-provi ta' naha u ta' ohra u sabet ruhha f'diffikulta' aktar milli wiehed normalment jistenna f'vertenzi simili. Dan ghaliex apparti li z-zewg verzjonijiet jikkontrastaw lil xulxin f'hafna partijiet, u kien hemm xhieda li nstemghet meta l-kawza kienet qieghdha tinstema' minn imhallef differenti, inqala' intopp fis-sens li parti mid-domandi rogatorjali mibghutin mill-attur lix-xhud Dennis Buhagiar u naturalment ir-risposti ghalihom baqghu ma gewx inseriti fl-atti minhabba xi nuqqas x`imkien li ghalih la jahtu l-partijiet u lanqas il-Qorti li ppruvat, inutilment pero', tissana dina l-lakuna.

Fl-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu, il-konvenut eccepixxa li ma rrizultat ebda relazjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut proprio et nomine u konsegwentement jigi li Castagna proprio et nomine tharrek erronjament ghax jigi li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur. Issa, jekk ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi accettat dak li xehed l-attur li huwa kellem lill-konvenut u dan qallu biex jaghtih cans biex jara l-affarijiet u wara wasal anke fi ftehim bil-fomm mieghu, allura dina l-eccezzjni ulterjuri evidentement ma tregix billi jkun ifisser illi, bil-maqlub ta' dak li sostna l-konvenut, in segwitu tal-ftehim bil-miktub li sar bejnu u bejn Buhagiar, intlahaq ftehim iehor bejnu u bejn l-attur.

Il-Qorti ikkunsidrat u ddeliberat fit-tul dwar il-provi li gew prodotti, id-deposizzjonijiet moghtija w is-sottomissjonijiet maghmulha u hija tal-fehma li fuq bazi ta' probabilita' ghandha tipprevali l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur. Fil-fatt l-attur jinsab korroborat pjenament minn dak illi xehed Dennis Buhagiar dwar il-fatt li l-istock li kien jappartjeni lill-attur baqa' fl-istabbiliment, li gie fil-pussess tal-konvenut, u li pero' tieghu l-istess attur baqa'

ma rcieva ebda flus. Buhagiar inoltre cahad kategorikament li huwa qatt ma rcieva hlas li jkopri dawn l-oggetti li kienu jappartjenu lill-attur. L-attur kien car fl-ispjegazjoni tieghu dwar x'gara bhala l-ahhar posizzjoni ta' kif huwa baqa' mal-konvenut, jigifieri (ara fol. 28) :-

*"Hu (i.e. il-konvenut) qalli li lest biex ikompli bl-istess arrangament li kellu Buhagiar mieghi basta niehu l-orgni kbir li kien hemm u zewg kombo amplifiers.*

*Jiena ghidtlu kollox sew u ftit wara bghatt jiena ghalihom u gbarthom."*

Lanqas kwindi ghandu ragun il-konvenut li jeccepixxi u jsostni fin-nota tieghu li huwa personalment ma kellu ebda sehem fil-kwistjoni. Jidher invece li l-attur, meta ftiehem, tkellem mal-konvenut proprio. Billi f'kull kaz l-oggetti appartenenti lill-attur jidher li baqghu fl-istabbiliment gestit mis-socjeta' konvenuta, allura dana jfisser li l-attur kien gustifikat li jharrek u jippromwovi l-azzjoni tieghu kemm kontra l-konvenut proprio kif ukoll kontra l-konvenut nomine.

Certament kien ikun ferm utli ghall-konvenut li jforni lill-Qorti dettalji dwar il-konsistenza ta' l-assi f'forma ta' rendikont dwar l-istock taking li sar bejnu u bejn Buhagiar.

Mistoqsi mill-Qorti (fol. 32) jekk hu (i.e. il-konvenut) izommx il-kobta tal-kummerc kif imiss skond il-ligi, il-konvenut wiegeb fl-affermattiv izda zied ighid li dwar l-istock ma kellux dettalji. Jghid proprjament hekk :-

*"L-istock-taking li ghamilna rregistrajnieh imma jiena ma nafx jekk ghadx ghandi kopja taghha jew le, irrid infittex."*

Il-konvenut mhux biss ma pproduca xejn izda ghad-domanda tal-Qorti fuq id-dokumenti "A", "B" u "C", xehed li ma kienx jaf *"jekk dawn l-oggetti humiex ghandi jew le, kull ma naf hu li jiena xtrajt kollox li kien hemm fil-hanut u lanqas naf jekk hux qieghdin hemm jew le".*

Issa apparti dak illi xehed l-attur dwar il-ftehim li huwa lahaq mal-konvenut – haga ferm plawsibbli – ix-xhieda tal-konvenut giet ukoll sostanzjalment skossata mix-xhieda moghtija minn Dennis Buhagiar. Kollox ghalhekk juri li t-tezi attrici hija fondata.

Fin-nota tieghu, l-attur stieden lill-Qorti biex fic-cirkostanzi tal-kaz u minhabba t-trapass ta' zmien, ghandha tikkunsidra t-talbiet b'ekwita' u tghaddi ghall-kundanna f'forma ta' hlas pekunjarju. Il-Qorti ma' dan ma taqbilx billi hija ghandha timxi fuq binarju ta' ligi u mhux wiehed ta' ekwita'. Fi kliem iehor kemm jista' jkun ghandha toqghod mad-domandi kif dedotti fl-att tac-citazzjoni u mhux tiddipartixxi minnhom".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-konvenut, kemm f'ismu kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta' Maxi Quartz Limited appella minn din is-sentenza b'aggravju minnu stess sintetizzat li mill-kumpess tal-provi kellu jirrizulta biss illi hu qatt ma kellu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u kwindi kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dan kemm personalment kif ukoll fil-kwalita tieghu ta' Direttur tas-socjeta' konvenuta u in rapprezentanza ta' l-istess. Inoltre, ma kienet tezisti l-ebda prova li hu qatt ha il-pussess ta' l-oggetti ta' l-attur sew jekk bil-kunsens tieghu kif ukoll jekk le. L-aggravju kif minnu elaborat jirrizulta li huwa wiehed prettament ta' apprezzament ta' fatt fid-dawl tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Aggravju li ma kien jimporta l-ebda punt ta' dritt, hlief ghall-applikazzjoni tal-principju bazilari li min jallega kien obbligat bil-ligi li jipprova. Principju li l-konvenut appellant naturalment interpretah fis-sens li l-attur kien naqas li jipprova adegwatament il-premessi ghat-talbiet tieghu u konsegwentement, kellu japplika l-principju l-iehor "actore non probante reus absolvitur".

Mill-motivazzjoni tas-sentenza appellata fuq riportata hu car illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni diversa u kienet sodisfatta illi l-verzjoni moghtija mill-attur kienet aktar kredibbli u attendibbli minn dik tal-konvenut. L-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment illi l-attur kien adegwatament sostna t-tezi tieghu bil-provi minnu prodotti u dan necessarjament wassal lill-ewwel Qorti ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici u ghac-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

F'dan ir-rigward imbaghad isib applikazzjoni principju iehor ta' dritt, dak cioe' li Qorti ta' revizjoni ma kellhiex bla raguni gravi tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti li kellha, bhala regola, tithalla tkun l-arbitru tal-fatt, anke meta kellha tiddeciedi fuq bazi ta' probabilitajiet, kif indubbjament hu l-kaz taht ezami. Dan propju ghaliex l-ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tevalwa l-provi prodotti, il-komportament tal-partijiet u x-xhieda taghhom meta ddeponew quddiemha, u ghexet l-iter tal-process fil-vari fazijiet tieghu.

Din il-Qorti, kif dover taghha, ezaminat l-atti processwali u l-provi prodotti u ma tara li hemm xejn fihom illi jinducuha li tiddisturba l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti, anke tenut kont ta' l-aggravji fir-rikors ta' l-appell. Aggravji li huma redatti b'certa attenzjoni u dettall, imma li finalment, ma jipprezentawx ostakolu insormontabbli ghall-korrettezza tal-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti, u bl-ebda mod ma jinducu lil din il-

Qorti biex tasal ghal konkluzzjoni diversa favorevoli ghat-tezi tal-konvenut proprio et nomine.

Il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, plawsibbli u jaghmlu evalwazzjoni korretta tal-provi limitati prodotti mill-kontendenti f'din il-kawza. Fil-verita', din il-Qorti jidhrilha li l-kontendenti setghu approfondew ferm aktar fir-ricerka tal-verita' fl-isforz li kellhom id-dover li jaghmlu biex jipproducu l-provi kollha disponibbli favur it-tezijiet rispettivi taghhom.

Dan japplika b'mod partikolari ghall-konvenut li kien rinfaccjat b'elementi ta' prova ta' certa konsistenza li kienu, prima facie, jistabilixxu il-fatti tal-premessi ghat-talbiet ta' l-attur. Sitwazzjoni fejn gudikant kellu necessarjament jitlaq mill-premessa li l-attur, salv indikazzjoni kuntrarja, kien ser jagixxi b'mod sensat u ragunat biex jirrivendika l-jeddijiet tieghu, u f'dan il-kaz, biex jithallas ta' proprjeta' li kien jippretendi li kienet tieghu u li kienet f'idejn terzi, u li taghha isostni li kellu dritt jithallas. Ma kien hemm xejn fil-provi x'jissuggerixxi li dan is-sottostrat ta' fatt li jindika lill-attur bhala kreditur ma kienx gie adegwatament provat, jew li ntefa' xi dubju anke mill-istess konvenut appellant, illi l-attur ma kellux jithallas tal-merkanzija kif jippretendi fl-att tac-citazzjoni. Il-kontestazzjoni kienet biss minghand min kellu d-dritt jithallas. Il-konvenut proprio et nomine ghalhekk mhux jikkontesta li l-attur ghandu

jithallas kif jippretendi - fil-verita' lanqas qieghed f'posizzjoni illi jikkontradici lill-attur fuq din il-premessa – qieghed jikkontesta biss li hu ma huwiex il-legittimu kontradittur tieghu. Dan ghaliex jippretendi li ta' dik il-merkanzija se mai kellu jhallas Dennis Buhagiar minghand min hu kien akkwista n-negozju fil-hanut de quo, u lil min hu stabbilit li l-attur kien fl-ewwel lok ikkonsenja l-merkanzija.

Dan hu fil-verita l-qofol tal-vertenza kollha li tirrizolvi ruhha f'risposta tal-kwezit sollevat fl-eccezzjoni principali ta' l-appellant proprio et nomine. Dik cioe' jekk hu kienx jew le l-legittimu kontradittur ta' l-attur appellat.

Din il-Qorti ser tillimita ruhha ghas-segwenti osservazzjonijiet, in aggunta mal-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata biex tissottolineja ghaliex fil-fehma taghha l-konvenut appellant naqas li jsostni din l-eccezzjoni principali tieghu.

1) L-insistenza tal-konvenut appellant fl-eccezzjoni originali minnu moghtija, dik cioe' li f'ismu proprju huwa ma kienx il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, ghaliex huwa ma kellu qatt l-ebda konnessjoni fil-kwalita' personali tieghu, kemm ma' l-attur proprio et nomine, kif ukoll ma' Dennis Buhagiar, li lilu ex admissis, l-attur ikkonsenja l-merkanzija de quo, hi immedjatament skreditata bl-iskritturi ta' l-10 ta' Dicembru, 1985, u tas-17 ta' Marzu, 1986, li fuqhom l-istess

konvenut jistrieh biex isostni l-eccezzjonijiet tieghu. Minn dawn l-iskritturi jirrizulta b'mod l-aktar car illi n-negozju tal-bejgh ta' l-avvjament tal-hanut, li fih allegatament kien hemm il-merkanzija propjeta' ta' l-attur, sar bejn l-istess Ignatius sive Dennis Buhagiar – il-venditur – u Max Castagna – ix-xerrej. F'din l-ewwel skrittura l-konvenut jidher f'ismu personali u imkien ma hemm referenza ghas-socjeta' minnu rapprezentata f'din l-azzjoni.

It-tieni skrittura, konsegwenzjali ghall-ewwel wahda, tirrigwarda l-valutazzjoni ta' l-istock u l-obbligazzjoni da parti ta' l-istess konvenut <u>personalment</u> illi jhallas korrispettiv ta' hamest elef lira fi zmien sena mid-data ta' dik l-iskrittura. Anke f'din it-tieni skrittura imkien ma hemm ebda referenza ghas-socjeta' konvenuta f'din il-kawza.

L-ewwel linja tad-difiza tal-konvenut, li personalment hu ma kien bl-ebda mod involut, la ma' l-attur u lanqas ma' Dennis Buhagiar, li espressament iddikjara li accetta l-merkanzija, li taghha kien qed jirreklama r-restituzzjoni, li l-attur kien irceviha minghandu "on consignment" hi ghal kollox zmentita mid-dokumenti prodotti mill-istess konvenut appellant. Dan ma setghax ma jkollux effett negattiv fuq il-kredibilita' ta' l-istess appellant f'ghajnejh l-ewwel Qorti.

2) L-aggravju ta' l-appellant proprio et nomine hu kollu kemm hu immirat biex jipprova jiskredita x-xhieda ta' Dennis Buhagiar, ghaliex din sostanzjalment tikkorrobora lill-attur fuq dawn l-elementi krucjali: (i) il-konferma tal-fatt illi dan Buhagiar kellu f'idejh stock li kien inghatalu mill-attur on consignment; (ii) li dan l-istock kien apparti mill-istock tieghu personali li kien ukoll fil-hanut de quo u li kien ghadu ma thallasx; (iii) illi hu kien ittanta iwilli l-hanut fl-ewwel lok lill-attur u kien biss meta dan ma kienx interessat illi kkonkluda mal-konvenut; (iv) illi hu kkonferma l-akkordju li kien intlahaq bejn l-attur u l-konvenut biex huma jkomplu bl-istess arrangament li kien hemm ma' l-istess Buhagiar fir-rigward ta' l-istock propjeta' ta' l-attur; (v) illi dak li eventwalment l-istess Buhagiar ircieva minghand il-konvenut kien il-pagament ta' l-istock li dwaru kienu ftehmu u li kien propjeta' ta' l-istess Buhagiar, imma li dak l-ammont ma kienx ikopri stock li kien propjeta' ta' l-attur, u li kien ghadu fil-hanut.

Dawn il-fatti, fost ohrajn, gew konfermati mill-istess Buhagiar f'risposta ghal domandi maghmula in kontro-ezami mill-konvenut permezz ta' rogatorji. Taht certu aspett allura setghu jigu konsidrati bhala prova prodotta mill-istess appellant li, fl-isforzi pjuttost fjakki biex jislet allegati inkonsistenzi fid-deposizzjoni tieghu, kien qieghed in effetti jiskredita xhud minnu stess prodott.

3) Dan apparti, din il-Qorti bhall-ewwel Qorti, ma ssibx raguni ghaliex m'ghandhiex taghti affidament lil dan ix-xhud. Il-fatt per ezempju li ma saret l-ebda rizerva fl-iskritturi fuq citati bejn dan ix-xhud u l-konvenut fir-rigward ta' l-oggetti li setghu appartenew lill-attur u li allura, ex admissis, ma kienux qeghdin jinbieghu lill-appellant, ma hi xejn sorprendenti jekk wiehed jaccetta bhala fatt ix-xhieda ta' Buhagiar illi, fir-rigward ta' dawn l-oggetti, kien intlahaq ftehim li l-appellant kellu jkompli bl-istess arrangament li kellu Buhagiar ma' l-appellat. Kien naturali li l-iskritturi kienu jkopru biss dawk l-oggetti, inkluz l-attrezzi u l-istock, illi Buhagiar kien qieghed jittrasferixxi flimkien ma' l-avvjament tal-hanut lill-appellant u li taghhom hu kien ghadu ma thallasx.

4) Mill-banda l-ohra hi ta' l-akbar rilevanza fic-cirkostanza li l-appellant baqa' ma pproduciex id-dokument li minnu kien jirrizulta l-istock taking maghmul bejn Buhagiar u hu u li allura kien jinkludi l-oggetti li l-appellant kien xtara minghandu. Kieku dak id-dokument gie prodott l-appellant kien ikun issodisfa l-prova jew li l-oggetti ma kienux hemm fil-mument meta akkwista n-negozju, jew alternattivament, li dawk l-oggetti kienu hemm, kienu meqjusa anke jekk zbaljatament ta' propjeta' ta' Buhagiar, u dan Buhagiar kien ittrasferihomlu bhala parti mill-istock. Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti ma tistax ma taghtix piz il-fatt li l-appellant kien naqas li jipproduci din il-prova li kienet, in effetti, tiskolpah minn kull responsabilita' ghall-oggetti reklamati mill-attur.

5) Hu wkoll sorprendenti kif l-appellant ma jipproducix bhala xhud lill-avukat Paul Gauci Maistre' li kien apparentement involut fil-kors tan-negozjati u li rrediga l-iskritturi relattivi ghat-trasferiment tan-negozju. Dan ix-xhud certament seta' jifta' dawl mhux biss fuq il-kontenut ta' l-iskritturi, imma wkoll fuq cirkostanzi antecedenti ghall-iffirmar taghhom, fosthom in-negozjati li allegatament, almenu skond l-attur u Buhagiar, saru fir-rigward propju tat-tkomplija ta' l-arrangament tal-bejgh da parti ta' l-appellant, ta' oggetti propjeta' ta' l-attur appellat, fdati on consignment ghal dan il-fini.

6) Din il-Qorti wkoll ma tara l-ebda kontradizzjoni insormontabbli bejn dak li jsostni l-attur illi kien sar ftehim verbali fir-rigward ta' l-oggetti mertu ta' din l-istanza, u dak li xehed ix-xhud Buhagiar li jemmen li l-ftehim bejn l-attur u l-konvenut kellu jigi finalizzat bil-miktub bejn il-kontendenti. Iz-zewg propozizzjonijiet m'huma bl-ebda mod irrikonciljabbli. Hu ghal kollox verosimili li sar ftehim verbali fuq it-telefon fir-rigward ta' dawn l-oggetti mertu tal-kawza fis-sens li dawn kellu jibqa' jzommhom il-konvenut on consignment u jizmercjahom bl-istess arrangament li kien hemm ma' Buhagiar, u fl-istess hin kien sar ukoll ftehim illi dak l-akkordju kellu jigi formalizzat fi skrittura aktar tard. F'kull kaz ic-cirkostanzi kienu tali li jikkonfermaw mhux biss li l-oggetti kienu fil-hanut fil-mument meta n-negozju gie trasferit lill-konvenut, imma

wkoll li dawn baqghu f'idejn il-konvenut li kien konsapevoli tal-fatt li kienu hemm on consignment u li dan kien ftiehem li jiddisponi minnhom bl-istess mod li kien qieghed jiddisponi minnhom il-venditur Buhagiar. Dan kollu jikkonforta t-tezi attrici.

Fil-verita' din il-Qorti giet impressjonata bil-mod kif l-appellant proprio et nomine jinsisti fuq l-estranjeta' kompleta tieghu ghal kull forma ta' komunikazzjoni ma' l-attur. Din l-insistenza hi ghal kollox inattendibbli ghax zmentita mill-atti kollha processwali u in effetti, tpoggi lill-appellant f'sitwazzjoni ghal kollox impossibbli li jiggustifika l-estranejita' tieghu ghall-fatti in kawza, una volta jigi accettat kif l-ewwel Qorti u din il-Qorti accettaw li l-attur verament kellu merkanzija tieghu ghand Buhagiar on consignment li taghha ma thallasx.

Bizzejjed jinghad li l-attur jafferma li kien hemm zewg items ta' certu valur li kienu fil-hanut on consignment li hu jghid illi l-konvenut ma riedx li jassumi responsabilita' ghalihom. Kien x'kien dan l-atteggjament tal-konvenut din l-Qorti taccetta bhala fatt li l-attur mar u personalment irtira dawn l-oggetti mill-hanut minn idejn il-konvenut. Hu sintomatiku dwar dan l-incident li l-konvenut appellant ma jaghmel l-ebda kumment, la naha u lanqas ohra. Indubbjament kienet cirkostanza ta' fatt li kienet timmerita zmentita specifika da parti tal-konvenut proprio et nomine. Zmentita li kienet tixhet fuq l-attur appellat l-oneru tal-prova, u tal-

veracita'  ta' l-allegazzjoni specifika li ghamel propju in sostenn tat-tezi tieghu ta' l-ezistenza tal-ftehim bejnu u bejn il-konvenut li fuqu hi bazata l-prezenti istanza.  Ftehim, li kif sewwa jafferma l-attur, kien konfermat mill-partijiet kollha involuti, hlief mill-konvenut.

Din il-Qorti ma tarax raguni allura ghaliex m'ghandhiex taccetta l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-fatti kif provati.  Multo magis, meta l-osservazzjonijiet li jokkorrulha fir-rigward isahhu u mhux idghajjfu tali apprezzament.  L-appell ma jistax allura jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma in toto s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant proprio et nomine.

Dep/Reg

mm